MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1848/1998/1

**R C Construction Limited**

**vs**

**Visual & Sound Communications Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin lira maltin u seba' u tletin centezmi (Lm1025.37), dovuti minnha bhala l-bilanc tal-prezz ta' xogholijiet ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tas-socjeta' konvenuta;

Illi nonostante interpellata sabiex thallas dan l-ammont dovut minnha, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi, jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi, a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) billi l-kreditu tas-socjeta' attrici huwa cert likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta m' ghandha ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tas-somma dovuta;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex m' ghandhiex dina l-Qorti, ghar-ragunijiet premessi u b'dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) : -

1. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin lira maltin u seba' u tletin centezmu (Lm1025.37) dovuti mill-istess socjeta' konvenuta bhala l-bilanc tal-prezz ta' xogholijiet ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tas-socjeta konvenuta;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 t'Awissu 1998 u tal-mandati kawtelatorji ta' qbid u ta' sekwestruipprezentati kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-invoice relattiv, mahrug fis-27 ta' Jannar 1997, sal-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-liusta tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn gie eccepit :-

1. illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi x-xogholijiet li ghalihom gie pretiz il-pagament ma sarux skond is-sengha u l-arti izda saru b’negligenza u b’mod mhux prefessjonali u x-xoghol kif imqieghed kien qed jikkawza periklu, kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

2. illi x-xogholijiet maghmula mis-socjeta’ attrici kellhom jitwaqqfu qabel gew terminati minhabba li l-persuna inkarigata ghax-xogholijiet ma kellhiex il-hila rikjesta ghax-xoghol, u ghaldaqstant is-socjeta’ esponenti batiet danni u spejjez zejda fejn kellha tqabbad lil terzi jitterminaw ix-xoghol. Is-socjeta’ esponenti tirrizerva u zzomm fermi d-drittijiet taghha li tipprocedi ghad-danni;

3. illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta’ esponenti hallset ghall-madum akkwistat mis-socjeta’ attrici;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Jannar 1999 minn fejn jirrizulta li s-socjeta attrici ddikjarat li fit-talba ma hemmx inkluz il-valur tal-madum;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta’ Jannar 1999 li bih gie nominat bhala perit tekniku l-AIC Anton Zammit bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta’ Ottubru 2000 li bih gie sostitwit il-perit tekniku nominat u gie nominat minnflok l-AIC Alan Saliba bl-istess fakoltajiet;

Rat ir-rapport tal-abbli perit tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-8 ta’ Mejju 2003;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet il-perit tekniku imsejjah mill-atturi:

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li s-socjeta' konvenuta hi debitrici taghha fis-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin lira maltin u seba' u tletin centezmi (Lm1025.37), bilanc tal-prezz ta' xogholijiet ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tas-socjeta' konvenuta. Ghalhekk din il-kawza qed issir sabiex s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas l-imsemmija somma;

Da parti taghha s-socjeta konvenuta qed teccepixxi li x-xogholijiet in kwestjoni ma sarux skond is-sengha u l-arti u x-xoghol kif imqieghed ikkawza periklu. Teccepixxi ukoll li x-xogholijiet kellhom jitwaqqfu qabel gew terminati peress li l-persuna inkarigata ma kellhiex il-hila rikjesta ghax-xoghol, u ghalhekk is-socjeta konvenuta batiet danni u spejjez zejda ghaliex kellhom jitqabbdu terzi biex jitterminaw ix-xoghol. Fl-ahhar nett gie eccepit li s-socjeta' konvenuta hallset ghall-madum akkwistat mis-socjeta' attrici;

Jirrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet nkarigat lis-socjeta attrici sabiex tesegwixxi xi  xogholijiet fil-hanut Exotique li jinsab fi, 380, Triq Manwel Dimech, Sliema.  Dawn ix-xogholijiet kienu jikkonsistu f'kisi ta' tarag b'madum tac-ceramika u tqeghid ta' madum fuq l-art tat-tieni sular u tar-raba' sular. Il-perit tekniku kkonstata li s-socjeta attrici accettat li ma tithallax ghat-tqeghid tal-madum fit-tieni sular u kif ukoll ghall-kisi tat-tarag bil-madum. Ghal dawn ix-xogholijiet is-socjeta attrici rrilaxxat "credit note" fejn mhux inkluz il-VAT. Ghalhekk, jidher li sar zball matematiku u l-ammont pretiz mis-socjeta attrici ghandu jitnaqqas ulterjorment bl-ammont ta' Lm102.64. Ghalhekk l-ammont tat-talba ghandu jigi fi kwalunkwe kaz ridott ghal Lm922.73. L-abbli perit tekniku kkonkluda ukoll li l-ammont ta' Lm645 (VAT inkluza) ghat-tqeghid ta' ramel,

xiri u garr ta' madum huwa dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta attrici billi dan l-ammont mhux ikkontestat. L-ammont ta' Lm277.73 (VAT inkluza) li jirrapprezenta l-ammont ghat-tqeghid tal-madum fir-raba' sular mhux dovut lis-socjeta attrici billi t-tqeghid ta' dan il-madum ma sarx skond l-arti u s-sengha. Ghalhekk it-talba tas-socjeta attrici ghandha tigi milqugha limitatament ghall-ammont ridott ta' sitt mija u hamsa u erbghin liri maltin – Lm645– (VAT inkluza);

Il-Qorti taqbel mal-kostatazzjonijiet u mal-konkluzjonijiet li ghamel u li wasal ghalihom l-abbli perit tekniku. Il-Qorti ghalhekk qed taddotta l-istess konkluzjonijiet u tghamillhom taghha;

In vista tal-premess it-talba ghandha tigi akkolta in parte billi s-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallas is-somma ta' sitt mija u hamsa u erbghin liri maltin (Lm645) liema ammont jikkonsisti fit-tqeghid ta' ramel, xiri u garr ta' madum. B'dan il-mod qed jigi provdut dwar it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa it-talba attrici u dana billi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitt mija u hamsa u erbghin liri maltin (Lm645) bilanc tal-prezz ta' xogholijiet ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tas-socjeta konvenuta u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez tal-kawza, jithallsu kwantu kwart (1/4) mis-socjeta' attrici, u tliet kwarti (3/4) mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------